MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2011

Numru. 886/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Cisse Djibril, nazzjonalita Ivorjana, imwieled f'Kone Aramatou fis-16 ta' Dicembru 1987, iben Quabri u Ddienne, Numru moghti mill-Pulizija 09F-129**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li jinsab akkuza talli fl-1 ta' Awissu, 2011 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess teighu Dokument ta' l-ivvjagar, mahrug minn awtorita` kompetenti, cioe` l-Italja, mahrug f'isem Diallo Moussa Moises bin-numru 046783, ittrasferixxi dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dan id-dokument li gie trasferit lilu minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, cioe` dak diga imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi tgha prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Ligijiet ta' Malta)

Kif ukoll talli irrenda ruhu recidiv billi ghamel delitt iehor fi zmien inqas minn hames snin minn sentenza tat-23 ta' Novembru 2009 (Magt. A. Vella LLD) li saret definittiva (Kap 9 Sec 49,50 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-2 ta' Awissu, 2011;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat izda ma tistax tiskarta l-fatt illi l-imputat huwa recidiv propju fuq l-isess akkuzi identici. Il-Qorti tifhem il-problema socjali li qed jiffaccja l-imputat izda ma tistax hlief tinfliggi piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------